MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 1151/2013

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Godwin Scerri u Carlos Cordina)**

**vs**

**Keithien Borg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet datati 20 ta` Novembru, 2013 fil-konfront tal-imputat Keithien Borg, li għandu l-karta tal-identita bin-numri 530795M u cioe' illi:

1. Nhar it-2 Ottubru, 2013 għall-ħabta tas-2.30 ta` filghodu minn ġewwa l-Q' Bar sitwat ġewwa l-Valletta Watefront, ikkommetta serq ta` television, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-ħin u dan għad-detriment ta` Patrick Spiteri bi ksur tal-Artikolu 261(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

2. Talli nhar id-19 ta` Novembru, 2013 għal ħabta tat-3:00 ta` wara nofs in-nhar, fi Vjal ir-Re Dwardu fil-Furjana ikkometta serq ta` handbag u dan għad-detriment ta` Rose Marie Gatt bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta.

3. Talli kkommetta dawn ir-reati meta kien taħt ordni ta' probation u liberazzjoni kondizzjonata in forza ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) per Maġistrat Dottor Doreen Clarke, liema sentenza saret definittiva.

4. Talli rrendi ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit stqarr li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat li l-Qorti bdiet tisma' l-provi f'dan il-każ u tirċievi d-dokumenti prodotti;

Rat li matul is-seduta tal-1 ta' Diċembru 2014 l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Dottor Noel Bartolo tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż fis-sens illi għar-reati li għadu kif ammetta għalihom jista' jingħata piena ta' priġunerija jew pieni alternattivi u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Fliet ix-xiehda prodotta u rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-imputat ammetta inkondizzjonatament għall-imputazzjonijiet kontestati lilu.

Illi mix-xiehda tal-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Formosa jirriżulta li l-imputat, allura minorenni meta kkommetta r-reati de quo, beda jagħmel progress sostanzjali f'ħajtu, għalkemm dan il-perkors ma kienx wieħed faċli għalih. L-imputat ikkopera ma' din l-Uffiċjal u jidher li qiegħed ukoll jibbenefika minn ordni ta' probation oħra li kienet mogħtija lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta preċedentement.

Din il-Qorti hija propensa li, fid-dawl tal-fatt li l-imputat kien minorenni meta kkommetta d-delitti de quo kif ukoll għaliex ma tixtieqx li tħassar dak it-tajjeb li diġa sar mal-imputat matul il-perkors tal-ordni tal-probation ġja mogħtija lilu, ma timponix piena karċerarja kontra tal-imputat. L-imputat qiegħed jiġi severament imwissi li din il-benevolenza tal-Qorti qed issir biss biex jimxi l-quddiem f'ħajtu bit-tama li jaqbad it-triq it-tajba, il-bogħod minn klikek li ma jagħmlulux ġid. Pero jista' jserraħ rasu li l-Qrati mhux ser jibqgħu jagħtuh ordnijiet ta' probation għal dejjem. Jekk ma joqgħodx ma din l-ordni tal-probation jew jekk ikompli jiddelinkwi, għandu garanzija li għada pitgħada, sentenza ta' priġunerija twila ma jeħlisielu ħadd. Issa l-għażla x'jagħmel b'ħajtu hija kompletament f'idejh. Il-Qrati tawh iċ-ċans. Spetta lilu issa jikber u jaġixxi ta' persuna ċivili u osservanti tal-Liġijiet tal-pajjiż, b'rispett lejn il-persuni l-oħra li jgħixu f'din l-art.

Inoltre, din il-Qorti sabiex tagħmel dan mhix qegħda titratta lill-imputat bħala reċidiv ai termini tal-Artikoli 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

***<u>Deċide : -</u>***

Għaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17, 37(2), 50, 261(c)(f), 284 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta'

Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Keithian Borg, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih b'dan pero illi qed teżerċita s-setgħa tagħha ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tagħżel li ma tittrattax mal-ħati fir-rigward tal-ksur tal-ordni tal-probation imputata lilu u tordna li l-istess ordni ta' probation preċedenti tibqa' fis-seħħ. Inoltre, għal fini ta' dan il-każ qegħdha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha billi mhix qegħda titratta mal-ħati bħala li huwa reċidiv ai termini tal-Artikolu 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali; Minflok, u bit-tama li verament l-imputat jibda' ħajja ġdida l-barra mill-Ħabs, u peress li hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet snin millum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Uffiċjal tal-*Probation* assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sena.

***Mogħtija illum it-13 ta' Mejju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------